# IN-NAWFRAĠJU TA' SAN PAWL FI GŻIRITNA

Ganni Camilleri



Il-wasla mirakuluża u, ngħid jien, providenzjali ta' S.Pawl f'Malta hi miktuba minn S.Luqa fl-aħħar żewġ kapitli tal-Atti tal-Appostli. Hija kitba, li fl-oriġinal hi bil-Grieg klassiku sabiħ, bid-dettalji kollha li wieħed jiltaqa' magħhom meta jiddeskrivi maltempata fil-baħar, f'xahar li suppost, skont il-liġi marittima ta' dak iż-żmien bikri, ma setax wieħed ibaħħar mingħajr ma jkollu konsegwenzi diżastrużi waqt il-vjaġġ. Dan għaliex il-Baħar Mediterran, kif jaf kulħadd, jintlaqat fix-xhur tax-xitwa minn irjieħ li, ħafna drabi, ikunu qawwijin tant li saħansitra jaqilbu bastimenti kbar, bir-riżultat li jintilfu, kemm it-tagħbija, ħafna drabi qamħ li jkun ġej minn Lixandra, u kemm l-ekwipaġġ. Barra l-baħrin kien ikun hemm ukoll nies maqbudin fil-gwerra fi triqthom lejn Ruma biex jaħdmu ta' skjavi jew jiġu maqtulin fl-areni u fil-glied ma' gladjaturi.

Meta wieħed jaqra dan ir-rakkont, mill-ewwel jintebaħ li l-awtur kien Luqa, li kien qed ibaħħar ma' Pawlu. S.Luqa kellu stampa ċara ħafna tal-maltempata u ħallietlu esperjenza qarsa ħafna. Aħna nafu li l-awtur kien xhud ta' dak kollu li kien qed jiġri u għalhekk ma setax iħalli dettalji barra.

Dan ir-rakkont naqrawh kull sena fil-knejjes kollha ta' Malta u Għawdex nhar l-10 ta' Frar. Ir-rakkont juri biċ-ċar li San Luqa kien qed jikteb mill-esperjenza tiegħu u mhux xi ħrafa. Dan ir-rakkont naturalment jagħmilna kbar għax isem Malta huwa msemmi fl-Isbaħ Ktieb li qatt inkiteb, il-Bibbja, u għandna għalfejn inħossuna kburin ukoll għax konna minn tal-ewwel insara li ħaddanna l-Fidi nisranija. Stajna ngħidu wkoll, bħal ma hemm miktub fl-Atti, li, wara l-miġja tal-Appostlu Missierna S.Pawl, *aħna konna ħaġa waħda ma' dawk kollha li kienu jemmnu, u konna naqsmu kollox bejnietna u nbigħu ġidna u kull ma kellna u naqsmu d-dħul bejn kulħadd, skond il-ħtieġa ta' kull wieħed.* (Atti 2, v44). L-imħabba tal-Maltin lejn il-proxxmu tidher ċara ħafna fil-kitba sa minn dawn iż-żminijiet bikrija.

Dwar l-awtentiċità tal-istorja, qatt ma nqalgħu diffikultajiet fl-ewwel disa' sekli ta' storja. Dan kien probabbli għaliex ħadd ma kien jissogra jgħid xi ħaġa kontra, billi l-istorja tan-nawfraġju kienet għadha friska f'fomm ħafna flimkien ma' ġrajjiet oħra fl-istorja tal-Knisja. In-nies baqgħu jgħaddu dawn il-fatti bil-fomm f'dik li nsejħulha tradizzjoni.

Iżda meta l-fatti tal-istorja jibdew jitbiegħedu bis-snin, dejjem jiġri li jibdew jinqalgħu d-dubji, u dawn wara jiġu msaħħin minn min ikun irid jagħmel id-deni fil-Knisja. Insibu għalhekk l-ewwel wieħed li beda jikteb dwar in-nawfraġju ta' S.Pawl. Dan kien l-Imperatur Costantinus Porphyrogenitus ta' Kostantinopli, bejn is-snin AD.912 - 959. Fix-xogħol tiegħu li kiteb, *De Administrando Imperio*, kiteb li l-gżira ta' Melete setgħet kienet dik 'il barra mill-kosta tad-Dalmatia, illum Meleda fil-Baħar Adriatiku u li tiġi faċċata tal-Abruzzi fl-Italja.

Sekli wara mbagħad, insibu lil Dom Ignatio Giorġi, patri Benedittin minn Ragusa fi Sqallija li reġa' ħa f'idejh it-test tal-Imperatur, biex kompla jsostni t-teżi tiegħu. It-test fl-oriġinali bil-Latin, hu dan. ***"Divus Paulus in mari quod nunc venetiis sinus dicitur naufragus, et Melitae Dalmatensis insulae post naufragium hospes auctore Ignatio Georio Benedictino, Venetiis, 1730"***, u bil-Malti- *"L-Imqaddes Pawlu li sofra n-nawfraġju (l-għarqa) fil-baħar li jissejjaħ id-daħla Venezjana, (Pawlu), wara li*




ħeles min-nawfraġju, ġie milqugħ (min-nies) tal-gżira ta' Melete fid-Dalmazja."

Snin wara kien hemm oħrajn li kitbu dwar din il-ġrajja storika. Dawn kienu Thomas Watkins li kiteb fl-1792, John Madox fl-1834, J.M.Neale fl-1860, D.V.Palunco fl-1910 u Otto F.A. Meinardus fl-1976.

Iżda dawn it-teoriji kollha li semmejna dwar il-fatti, ġew imwaqqgħin wara mill-Konti Antonio Ciantar fil-kitba massiva tiegħu ***"De B.Paulo Apostolo Melitam Siculo Adriatici Maris Insulam Naufragio ejecto dessertatione apologetica in Inspectiones anti criticas P.Ignatii Giorgii. Venetiis 1738. Also in his second work, Critica dei critici moderni che dall'anno 1730 fina al 1760 scrissero sulla controversia del Naufragio di S.Paolo Apostolo. (Venezia 1763*****)** bil-Malti - *"Wara li ġiet imwarrba l-osservazzjoni li saret minn P. Ignatio Giorgio f'Venezja, 1738, fuq is-suġġett apoloġetiku (wara li skuża ruħu), ta' fejn sar in-nawfraġju ta' San Pawl, sar magħruf li n-nawfraġju sar fil-kanal Adriatiku Siċiljan, u li l-Gżira hija Malta.*

Wara dan, kien hemm ukoll il-Can. Agius de Soldanis fl-1758, u Captain J.Smith fil-kitba tiegħu, *The voyage and Shipwreck of St. Paul, London 1856.*

Kien propju ftit tas-snin ilu li dan ix-xogħol kien reġa' gie sfidat minn Dr.Heinz Warnecke, Professur mill-Università ta' Bremen, fil-ktieb tiegħu, *Die tatsachliche Romfahrt des Apostels Paulus. (Il-vjaġġ veru tal-Appostlu Pawlu lejn Ruma)*, f'serje ta' studji Bibbliċi bit-titlu, *Stuttgarter Bibelstudien.*(Stuttgart 1987). Dr. Warnecke jsostni li wara kollox San Pawl ġie nawfragat fuq il-gżira ta' *Cephalonia* u mhux fuq il-gżira ta' Malta.

Wara l-espożizzjoni ta' Warnecke, il-Knisja f'Malta esponiet il-pożizzjoni tagħha. Saħqet fuq it-Tradizzjoni qawwija li dejjem kien hawn Malta dwar din il-ġrajja. Għal dan il-għan, ġie ppubblikat ktieb bl-isem *St. Paul in Malta* fis-sena 1992. Il-ktieb ġie editjat mill-Kan. John Ciarlo' u Michael Galea, u jiġbor fih erba' artikoli miktubin minn nies professjonali fuq is-suġġett biex iwaqqgħu dak li Warnecke kiteb dwar in-nawfraġju ta' S. Pawl li qal li ġara fil-gżira ta' Dalmatia u mhux f'Malta.




Il-kompendju jikkonsisti f'erba' artikoli nteressanti miktubin minn erba' awturi differenti. Kull artikolista esspona s-suġġett minn angolu differenti - dak teoloġiku, bibbliku, ġjografiku u folkloristiku. B'hekk, dawn l-awturi flimkien iċċaraw dak li Dr.Warnecke kiteb. Tax-xogħol tiegħu Warnecke kien akkwista d-dottorat mill-Università ta' Bremen.

L-Ewwel artikolista kien Jurgen Wehnert, Professur tal-Kotba Mqaddsa mill-Università ta' Tubingen. Dan wera li dak li kiteb Warnecke dwar dan is-suġġett kien infondat u fqir fl-espożizzjoni tiegħu u għalhekk mhux ta' min jieħdu bis-serjeta'.

It-Tieni artikolista kien Mons. Karmenu Sant, Professur Emeritus tal-Iskrittura mill-Università ta' Malta. Mons. Sant waqqa' kull prova li ġab Warnecke, kemm mil-lat eżeġetiku u kemm minn dak topiku.

It-Tielet kontribut kien ta' Paul Guillaumier. Fl-espożizzjoni nteressanti u preċiża tiegħu, huwa analiżża bir-reqqa kollha r-rakkont li hemm fl-Atti tal-Appostli, Kap.27 u 28. mil-lat storiku, teoloġiku u kerigmatiku, vis-a'-vis is-sejħa ta' Pawlu bħala missjunarju kbir tal-ġnus.




Ir-Raba' kontribut kien ta' Joseph Cassar Pullicino. Dan kiteb dwar it-Tradizzjonijiet Pawlini f'Malta. Saħaq kemm din it-tradizzjoni hija qawwija hawn Malta, tradizzjoni ta' min jorbot fuqha.

Il-Kompendju, li jiġbor fih 132 paġna, kien pubblikazzjoni f'waqtu għaliex, bħalma dejjem jiġri, jekk wara xi kitba jew diskors fqir dwar xi suġġett ma jkunx hemm min jikkoreġih, dak li jkun semgħu, jitħalla jgħum fid-dubji. Dan qiegħed jiġri spiss mad-dinja kollha u ma jonqosx ukoll hawn Malta diżgrazzjatament! Isiru ħafna dibattiti u tinkiteb ukoll kitba fil-ġurnali tagħna fejn dak li jkun jitħalla dubjuż fuq xi suġġett jaħraq bħal m'hu ż-żwieġ. Jekk ma jkunx hemm min jiċċara s-suġġett u jagħti tweġiba professjonali, dak li jkun jibqa' ma jkunx jaf l-affarijiet sew.

Il-magħruf ġurnalista kattoliku, awtur ta' ħafna kotba, Vittorio Messori, reċentement kiteb u saħaq dwar il-bżonn urġenti ta' nies professjonali fil-qasam tal-Knisja biex jikkumbattu bil-kelma u bil-kitba dwar dak li jintqal minn min hu anqas professjonali dwar suġġetti reliġjużi jaħarqu. Jekk ma tinħoloqx bħal speċi ta' aġenzija dwar dan, jiġri li l-poplu jitħawwad u jibqa' bla tweġiba tajba u ċara. Inkorrettezzi joħolqu dubji u jrid jgħaddi ħafna żmien biex jiġu ċċarati.

It-twemmin kattoliku tagħna dwar il-*Miġja tal-Appostlu Missierna S. Pawl*, huwa, bla dubju, element essenzjali tal-wirt nazzjonali tagħna. Grazzi tal-kompendju li ġie ppubblikat, ħafna dubji serji li kienu bdew jinħmew fl-imħuħ ta' ħafna ġew iċċarati ħafna minn min jifhem. Ta' min wieħed jakkwista dan il-ktieb biex ikollu stampa ċara ta' dak li nkiteb minn San Luqa fl-Atti tal-Appostli.